

Taqisira għall-pubbliku

Il-Kummissjoni tal-UE tipproponi Pakkett dwar l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ

X'INHIL-KWISTJONI?

- Is-sitwazzjoni tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE hija drammatika u mhijiex qed turi sinjali ta' titjib:
 - Aktar minn 1 f'5 żgħażaġh fis-suq tax-xogħol mhux jirnexxilhom isibu impjieg.
 - Miljun persuna żaġhżuġha (bejn 15 u 24 sena) jinsabu bla xogħol, ma jmorrux l-iskola jew ma jsegwu l-ebda taħriġ.
 - 30.1% ta' daww qiegħda taħt il-25 sena ilhom mingħajr xogħol għal aktar minn 12-il xahar.
- Fl-2011, il-Kummissjoni adottat [Inizjattiva ta' Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ](#) – li ssejjaħ għal sħubija aktar qawwija bejn il-Kummissjoni u l-gvernijiet nazzjonali, partikolarment fil-pajjiżi bl-ogħla rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh.
- Fl-2012, il-Kunsill tal-UE ta l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi membri rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar kif jissieltu kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh.
- Il-Kummissjoni issa qiegħda tipproponi Pakkett dwar l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ li jiffoka fuq modi biex:
 - titwitta t-transizzjoni bejn l-iskola u x-xogħol permezz ta' skemi ta' garanziji għaż-żgħażaġh – sabiex, fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola jew jitilfu xogħol, daww taħt il-25 sena jirċievu offerta tajba għal impjieg, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ;
 - jiġi żgurati li l-apprendistati joffru esperjenza ta' livell għoli taħt kundizzjonijiet sikuri;
 - itejbu l-kwalità u l-provvista tal-apprendistati;
 - jagħtu liż-żgħażaġh aktar opportunitajiet biex jaħdmu u jitħarrġu barra minn pajjiżhom.

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Il-pajjiżi tal-UE jintalbu jistabbilixxu skema ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ b'għajjnuna finanzjarja mill-UE.
- L-apprendistati jkunu ta' kwalità aħjar f'termini ta' taġlim u protezzjoni soċjali.
- L-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati tferrex madwar l-UE skemi ta' apprendistati li jirnexxu
- Ikun aktar faċli għaż-żgħażaġh Ewropej biex isibu impjieg, taħriġ jew apprendistat f'pajjiż ieħor tal-UE.

MIN SE JIBBENEFIKA U KIF?

Iktar żgħażaġh ikollhom aċċess aktar faċli għal impjiegi, edukazzjoni u taħriġ u għalhekk għal kwalità ta' ħajja aħjar. Naturalment min iħaddem se jibbenefika wkoll permezz ta' kandidati bi kwalifiki aħjar.

GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?

L-UE tista' tipprovdi kemm mezz finanzjarji, partikolarment permezz tal-[Fond Soċjali Ewropew](#), u gwida politika lill-Istati Membri biex jiġġieldu l-qgħad għoli fost iż-żgħażaġh.

Skont l-Inizjattiva għall-Opportunitajiet taż-Żgħażaġħ tal-2011, €10 biljun li għadhom disponibbli kienu immirati fit-8 pajjiżi tal-UE bl-ogħla rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh. Dan l-ammont ikopri s-sussidji tal-impjiegi, it-taħriġ vokazzjonali, u l-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola. X'aktarx għandhom jibbenefikaw mill-inqas 658,000 żgħażaġh u 56,000 negozji żgħar.

L-interazzjoni fil-livell tal-UE tippermetti l-istati membri jitgħallmu minn xulxin dwar x'jaħdem u x'ma jaħdimx. L-UE tista' turi politiki jew sistemi eżistenti li qed jirnexxu, bħall-apprendistati bbażati fil-kumpaniji jew programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja.

Minħabba li għadd limitat biss ta' pajjiżi tal-UE bdew l-implimentazzjoni komprensiva ta' skemi ta' garanziji għaż-żgħażaġh, il-Kummissjoni se toħroġ rakkomandazzjoni formali biex jagħmlu hekk.

Il-Kummissjoni qed taħdem fuq qafas ta' kwalità għall-apprendistati biex tevita ħsibijiet li l-apprendistati jistgħu jintużaw ħażin bħala sors ta' xogħol irħis jew b'xejn, li jonqsu milli jipprovdu kontenut ta' taġlim adegwat u li jistgħu jwasslu għal ċirku vizzjuż ta' impjiegi prekarji. L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema se jiġu mistiedna jinnegożjaw qafas bħal dan. Inkella, il-Kummissjoni se tipproponi wieħed hi.

L-isforzi biex jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh jistudjaw u/jew jaħdmu f'pajjiż ieħor - li jagħtihom aktar impjiegi, apprendistati u opportunitajiet għat-taħriġ – huma l-aktar effettivi fil-livell tal-UE.

META HUWA PREVIST LI L-PAKKETT JIDĦOL FIS-SEĦĦ?

- **Frar 2013**

- Il-gvernijiet nazzjonali mistennija jadottaw ir-Rakkomandazzjoni u jibdew l-implimentazzjoni ta' skema ta' Garanziji għaż-Żgħażaġħ.
- L-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema għandhom mnejn jibdew jinnegożjaw qafas ta' kwalità dwar l-apprendistati.

- **Sajf 2013**

- L-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati tippromwovi skemi ta' apprendistati li jirnexxu u tiżviluppa curricula komuni għall-professjonijiet u modi għall-għarfien ta' apprendistati li jsiru f'pajjiżi oħra.
- Skont ir-riżultat ta' xi negożjati, il-Kummissjoni se tipproponi qafas ta' kwalità għall-apprendistati.